31 ta' Ottubru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Henry Pace et. *versus* Victor Pirotta

**Kuntratti Kummerċjali — Kondizzjoni Riżolutiva — Lokazzjoni — Morożità fil-Ħlas tal-Kera — Purgazzjoni tal-Mora — Art. 1659 u 1111 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 121 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**

*Għalkemm fil-kuntrattazzjonijiet kummerċjali l-kondizzjoni riżolutiva taċita tipproduċi r-riżoluzzjoni tal-kuntratt "di pieno diritto", u l-Qorti ma tistgħax takkorda lid-debitur ebda dilazzjoni biex jippurga l-mora, fil-każ ta' lokazzjoni kummerċjali, però, ma spiċċatx il-fakoltà tal-Qorti li tagħti lill-inkwilin żmien moderat, skond iċ-ċirkustanzi, għall-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni li jkun naqas minnha, biex b'hekk jevita l-ħall tal-kuntratt mitlub kontra tiegħu.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-atturi nomine, wara li ppremettew illi bi skrittura privata tal-ewwel ta' Settembru 1955 Anthony Portanier kera lill-konvenut Pirotta, għal erbgħa snin mid-data tal-iskrittura, il-bar tal-Orpheum Theatre, Gżira, bil-kera ta' 5s. kulljum; u illi b'sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Novembru 1956, fil-kawża "Henry Pace et. ne. vs. Anthony Portanier", l-atturi ġew immessi fil-pussess salvjan tal-fond Orpheum Theatre, Gżira, għall-kreditu tagħhom tal-kera tal-imsemmi teatru dovut minn Anthony Portanier; u li l-istess konvenut ma

ħallasx il-kera tal-bar in kwistjoni mill-14 ta' Mejju 1957; talbu li, previja d-dikjarazzjoni li l-konvenut ma ħallasx il-kera dovut mill-14 ta' Mejju 1957, bil-5s. kulljum, (1) l-imsemmija lokazzjoni tiġi xjolta minħabba l-inadempiment da parti tal-konvenut tal-obligu tiegħu li jħallas il-kera, (2) il-konvenut jiġi żgumbrat mill-imsemmi bar tal-Orpheum Theatre, Gżira, fiż-żmien li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti, u (3) in linea ta' danni l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas is-somma ta' £31.15.0 bil-5s. kulljum mill-14 ta' Mejju 1957 sal-lum għall-bar fl-Orpheum Theatre, Gżira, oltre dik is-somma bir-rata tal-5s. kulljum mit-18 ta' Settembru 1957 sad-data tal-effettiv żgumbrament, u dan bħala danni, għall-okkupazzjoni tal-istess bar. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-konvenut jammetti li hu ma ħallasx il-kera għall-kreditu ndikat fl-att taċ-ċitazzjoni, iżda jgħid li hemm lok għall-purgazzjoni tal-mora a tenur tal-art. 1659 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi din il-Qorti, kif hija l-lum presjeduta, ġa bosta drabi ppronunzjat ruħha fis-sens illi bil-promulgazzjoni tal-Att nru. XIV tal-1933, kontenenti fl-art. 8 d-dispożizzjoni li fil-kuntrattazzjoni kummerċjali l-kondizzjoni riżolutiva taċita, preveduta fl-art. 774 tal-Ord. nru. VII tal-1868 (il-lum art. 1111 tal-Kodiċi Ċivili) tipproduċi r-riżoluzzjoni tal-kuntratt "di pieno diritto", u ma tistgħax il-Qorti takkorda lill-konvenut ebda dilazzjoni biex jippurga l-mora — Att li ġie nkorporat fil-Kodiċi Kummerċjali, u ċ-ċitata dispożizzjoni ġiet riprodotta fl-art. 121 tal-imsemmi Kodiċi tal-Kummerċ — spiċċa l-poter tal-Qorti, f'każ ta' lokazzjoni kummerċjali, li tagħti lill-konvenut żmien moderat, skond iċ-ċirkustanzi, għall-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni li jkun naqas jeżegwixxi, biex b'hekk jevita l-ħall tal-kuntratt mitlub kontra tiegħu, skond l-art. 1659(2) tal-Kodiċi Ċivili, ġa art. 1323 para. 2

tal-Ordinanza fuq riferita; iżda l-Onorabbli Qorti tal-Appell, kif hija attwalment presjeduta, irriteniet il-kuntrarju; u għalhekk din il-Qorti takkorda lill-konvenut iż-żmien hawn taħt indikat biex jippurga l-mora;

Għaldaqstant tiddeċidi adeżivament għall-istanza, purkè, però, il-konvenut ma jħallasx is-somma ta' £31.15.0 (wieħed u tletin lira u ħmistax il-xelin), oltre dik is-somma li tirriżulta dovuta bir-rata ta' 5s. kulljum mit-18 ta' Settembru 1957, f'xahar żmien mil-lum; f'liema każ, l-ewwel żewġ talbiet jitqiesu mhux akkolti;

L-ispejjeż, tassabbli kif kontra n-non-opponenti, jitħallsu minn għand il-konvenut.